18 ta' Ġunju, 1948.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Giuseppe Carabott et. *versus* Vincenzo Carabott et. (*)

**Illeġittimità tal-Persuna — Eżekutur Testamentarju — Legat — Immissjoni fil-Pussess tal-Legat.**

*L-eżekutur testamentarju għandu l-inkombenza li jeżegwixxi t-testment, u jista' jagħmel u jikkontesta kawżi validament in konnessjoni biss mad-doveri li huma lilu attribwiti. Għalhekk, meta t-testatur ordna xi legat, l-eżekutur huwa obligat jikkonsenja dak*

*il-legat lill-legatarju; u allura, meta hemm xi diffikultà dwar l-oġġett tal-legat, huwa għandu interess u huwa persuna leġittima biex jippromwovi kawża biex titneħħa d-diffikultà jew id-diskrepanza li jkun hemm. Biss, qabel jaġixxi, imissu jieħu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti.*

*Il-prinċipju li l-legatarju għandu jitlob il-pussess tal-legat minn għand l-eredi jirriferixxi għar-rapporti bejn l-eredi u l-legatarju, biex dan ma jimpossessax ruħu mill-legat mingħajr il-kunsens ta' l-eredi.*

*Anki persuni oħra, bħal ma huma legatarji oħra interessati f'dak il-legat u l-werrieta tal-persuna li ħalliet dak il-legat, għandhom interess u jistgħu jaġixxu biex jitneħħew id-diffikultajiet u d-diskrepanzi li jista' jkun hemm dwar l-oġġett tal-legat.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fejn, wara l-ippremetta illi b'testment li għamlet fl-atti tan-Nutar Arturo Leone Ganado fil-25 ta' Mejju 1930, Antonia Carabott ħalliet b'titolu ta' legat lill-konvenuti l-lok ta' djar f'Marsaxlokk, li allura kien qiegħed fi Strada Dietro La Chiesa u kien iġib in-numru ħdax u tnax, bħala suġġett għaċ-ċens perpetwu ta' 8s. fis-sena; u illi b'testment ieħor fl-atti ta' l-istess Nutar Arturo Leone Ganado tal-20 ta' Settembru 1931 l-istess Antonia Carabott ħalliet b'titolu ta' legat lill-atturi Agostina u Saveria aħwa Carabott kamra li tagħmel parti mil-lok ta' djar fuq imsemmi; u illi t-testatriċi Antonia Carabott mietet mingħajr ma ħassret jew biddlet dawn iż-żewġ legati; u illi bejn meta saru dawn it-testmenti u l-mewt ta' Antonia Carabott f'dan il-lok ta' djar tbiddlu tant l-isem tat-triq u n-numri tal-bibien, u saru Triq St. Joseph numri 15 u 16; u billi b'sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta' Ġunju 1945, il-konvenuti ġew immessi fil-pussess tal-legat lilhom imħolli kif jingħad hawn fuq minn Antonia Carabott, u fl-atti tan-Nutar

(*) Din il-kawża, wara li ġiet rinvijata b'din is-sentenza, ġiet deċiża b'sentenza ulterjuri tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re tal-15 ta' Ottubru, 1949. Minn din l-aħħar sentenza sar ukoll appell, li ġie deċiż fid-29 ta' Jannar, 1951.

Luigi Gauci Forno tas-6 ta' Lulju 1945, sar il-kuntratt ta' l-immissjoni fil-pussess ta' dak il-legat in esekuzzjoni ta' dik is-sentenza; u illi tant f'dik s-sentenza kemm f'dak il-kuntratt in-numri tal-fond ġew indikati ħażin bin-numri 12 u 13 minflok 15 u 16, u mħabba hekk l-atturi ma jistgħux jeffettwaw l-immissjoni fil-pussess tal-legat tal-Kamra fuq imsemmija, u fl-istess ħin, bħala wħud mill-werrieta ta' Antonia Carabott, għandhom interess li jissewwa l-iżball illi sar bi ħtija tal-konvenuti meta ġ'et mogħtija s-sentenza fuq imsemmija u sar l-imsemmi kuntratt; talbu li s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-18 ta' Ġunju 1945 fil-kawża "Vincenzo Carabott et. vs. Giuseppe Carabott et." fiċ-ċitazzjoni numru 193/1945 tiġi msewwija u korretta fis-sens illi n-numri 12 u 13 indikati għal-lok ta' djar imsemmi fiha jiġu sostitwiti bin-numri 15 u 16, u li tiġi ordnata l-korrezzjoni f'sens analogu tal-kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Luigi Gauci Forno fis-6 ta' Lulju 1945 fuq imsemmi, u jiġu mogħtija l-provvedimenti li jkunu meħtieġa biex issir din il-korrezzjoni. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu tad-19 ta' April 1948, fejn illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Fuq l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna ta' l-attur Giuseppe Carabott bħala eżekutur testamentarju ta' Antonia Carabott, illi l-eżekuturi testamentarji ma għandhomx ir-rappreżentanza ta' l-eredità, u jistgħu jippromwovu azzjonijiet ta' l-eredità u leġittimament jikkontestaw f'kawża l-pretensjonijiet kontra l-eredità in konnessjoni biss mad-doveri li huma lilhom attribwiti, u għalhekk laqgħet l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna ta' l-attur Giuseppe Carabott fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, u ordnat li jiġi mqiegħed barra mill-kawża bl-ispejjeż kontra l-atturi;

Illi l-atturi Agostina u Saveria aħwa Carabott iridu li fis-sentenza u fil-kuntratt indikati fl-att taċ-ċitazzjoni jitbiddlu f'numru 15 u f'numru 16 in-numri 12 u 13 tal-korp ta' bini

fuq indikat, sabiex ikunu jistgħu jiġu immessi fil-pussess tal legat ta' kamra li kienet tifforma parti mill-istess korp ta' bini. Dana kamra ġiet imneħħija mill-imsemmi korp ta' bini bit-testment ta' l-imsemmija Antonia Carabott tal-20 ta' Settembru 1931 u mħollija bħala legat lilhom;

Illi bl-imsemmija sentenza l-konvenuti ġew immessi fil-pussess tal-legat ta' l-imsemmi korp ta' bini f'Marsaxlokk, St. Joseph Street, numri 12 u 13 ġa numri 11 u 12, iżda mingħajr l-kamra li in forza tat-testment ta' Antonia Carabott fuq indikat ġiet imneħħija minn dak il-korp ta' bini u mħollija bħala legat lil-l-atturi, dik l-istess kamra, jiġifieri, minħabba fiha l-atturi qegħdin jitolbu l-korrezzjoni ta' l-imsemmijin numri fis-sentenza u fil-kuntratt fuq ċitati, billi ippreċendu li jekk ma ssirx dina l-korrezzjoni, l-immissjoni fil-pussess tal-legat ta' din il-kamra ma tistax tiġi effettwata; illi però, anki jekk fl-imsemmija sentenza u fil-kuntratt li fih dik is-sentenza ġiet eżegwita jinsabu erroneament indikati n-numri tal-bibien tal-korp ta' bini fuq imsemmi, dana ma jikkostitwix ostakolu għall-atturi aħwa Carabott li jottjenu l-immissjoni fil-pussess tal-legat tal-kamra, li għandha wkoll il-bieb tagħha fuq triq differenti minn dik li fiha qegħdin il-bibien indikati bin-numri fuq imsemmijin, għaliex dan il-fatt ma jimpedix li ma jkunux jistgħu jiġu indikati bin-numri korretti l-bibien ta' l-imsemmi korp ta' bini fil-kuntratt li bih l-atturi aħwa Carabott jidħlu fil-pussess tal-kamra, u ma jirravviża ruħu ebda ostakolu illi a skans ta' konfużjoni jiġu indikati wkoll f'dak il-kuntratt in-numri ta' qabel, kif isir issoltu; u illi l-atturi aħwa Carabott ma ddimostraw ebda interess ieħor attwali;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi Giuseppe Carabott u Agostina u Saveria aħwa Carabott, u l-petizzjoni tagħhom fejn talbu illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata fil-kap fejn laqgħet l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna ta' l-attur Giuseppe Carabott, u minflok tiġi deċiż li huwa persuna leġittima biex jagħmel din il-kawża, u fil-kap fejn il-konvenuti ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju; u minflok il-kawża tiġi rinvijata quddiem l-Ewwel Qorti biex titkompla fil-

meritu, jew jiġi deċiż dak il-meritu f'dina l-istanza; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

Tikkunsidra;

Illi fuq l-eċċezzjoni ta' l-illeġitimità tal-persuna, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, l-eżekutur testamentarju għandu l-inkombenza li jeżegwixxi t-testment, u jista' anki jagħmel azzjoni ġudizzjarja jew jikkontestaha validament in konnessjoni biss mad-doveri li huma lilu attribwiti. F'dan il-każ huwa dover ta' l-eżekutur illi jeżegwixxi t-testment tad-decujus, u, jekk hemm ordnat legat favur l-atturi l-oħra, li jagħtihom dak il-legat. Veru huwa illi l-legatarju għandu jitlob pussess tal-legat lill-eredi, imma dik id-dispożizzjoni tirriferixxi għar-rapporti bejn l-eredi u legatarju fis-sens illi, għal raġunijiet wisq evidenti, anki ta' ordni publiku, ma jistax il-legatariu jimpossessa ruħu mill-oġġett legat mingħajr il-kunsens ta' l-eredi; anzi huwa dan li għandu jagħtih dak l-oġġett filpussess tiegħu. Imma meta d-decujus innomina eżekutur testamentariu biex jeżegwixxi l-volontà tiegħu, allura huwa intuwitiv illi waħda mill-inkombenzi ta' l-eżekutur tkun dik illi jagħti l-pussess ta' l-oġġett legat lil legatarju. F'dan il-każ l-attur Giuseppe Carabott sab diffikultà għar-raġunijiet espressi fiċ-ċitazzjoni illi jeżegwixxi l-legat favur l-atturi l-oħra, u dawn evidentement ma kienux jaċċettaw jieħdu t-tradizzjoni ta' l-oġġett legat jekk kien hemm xi diskrepanza fin-numru tad-dar principali tal-konvenuti minn fejn għandha tittieħed il-kamra legata lill-atturi l-oħra. U allura kienet attribuzzjoni ta' l-eżekutur li jagħmel din l-azzjoni, għaliex preċiżament hija konnessa mad-doveri tiegħu ta' l-eżekutorija. L-uniku difett li hemm huwa illi taħt iċ-ċirkustanzi huwa, bħala eżekutur, qabel ma għamel din l-azzjoni jmissu talab l-awtorizzazzjoni mill-Qorti kompetenti; iżda l-Ewwel Qorti, li għandha ġurisdizzjoni konkorrenti kienet anki fil-possibilità li tagħtiha dik l-awtorizzazzjoni; u meħuda konsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi din il-Qorti qiegħda tagħtih l-awtorizzazzjoni neċessarja biex ikompli l-kawża fil-meritu (ara sentenza Prima Awla Civili tas-6 ta' Lulju 1868, "Ullo vs. Bernardini"):

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell ta' l-attur Giuseppe Carabott nomine u t-rrespingi l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna tiegħu biex jagħmel din il-kawża; u in vista taċ-ċirkustanzi, u speċjalment tal-fatt illi qabel xejn Giuseppe Carabott imissu talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti, tordna illi l-ispejjeż relativi ta' l-ewwel istanza in riferenza għal dan l-inċident jitħallsu minn għand l-istess appellant Giuseppe Carabott, inkluż id-dritt tar-reġistru, u l-ispejjeż ta' dina l-istanza ma jkunux taxxati bejn il-partijiet, iżda d-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-istess appellant Carabott, u in riferenza għal dan il-kap tirrevoka s-sentenza li minnha hemm appell;

Tikkunsidra fil-meritu ta' l-eċċezzjoni l-oħra;

Illi l-atturi l-oħra huma legatarji ta' kamra li hija parti mid-dar legata lill-konvenuti, u għalhekk għandhom interess leġittimu illi mhux biss id-deskrizzjoni ta' l-oġġett legat lilhom tkun eżatta bin-numru u bit-triq preċiża, imma għandhom anki interess illi, peress dik il-kamra hija parti tad-dar legata lill-konvenuti, illi dik id-dar tkun anki deskritta eżattament; għaliex diversament tiġi l-inkongruwenza illi ż-żewġ oġġetti legati li qegħdin ħdejn xulxin, u l-kamra hija parti mid-dar, ikunu deskritti b'mod divers, u għalhekk 'il quddiem jista' jkollhom xi konfużjoni u xi eventwali preġudizzju, anki għal drittijiet li jista' jkollhom sew għad-dritt tal-preferenza fil-lokazzjoni sew għad-dritt tar-retratt fil-każ ta' bejgħ, jew għal kwalunkwe dritt ieħor. Imbagħad dawk iż-żewġ atturi l-oħra huma anki ko-eredi ma' oħrajn tad-decujus, u allura għandhom interess illi ma ssirx konfużjoni ma' beni oħra ereditarji. Liema interess, anzi dover, jeżisti anki fl-eżekutur, illi jara illi l-legati jkunu deskritti tajjeb, u ma ssirx l-ebda konfużjoni bejn fond u ieħor, għaliex eventwalment tista' ġurnata tiġi rinfaċċjata lilu, bħala eżekutur, illi ma użax id-diliġenza tal-"bonus pater familias" biex tkun evitata dik il-konfużjoni;

Tikkunsidra;

Illi l-appellat Teodoro Carabott issottometta wkoll illi l-appell in riferenza għal liberatorja "ab observantia" huwa null għaliex l-appellant ma talabx l-akkoljiment tad-domandi

u mhux illi l-Qorti tiddisponi mill-meritu. Però l-appellant talab illi, minflok, tordna illi l-kawża tiġi rimessa quddiem l-Ewwel Qorti biex titkompla fil-meritu, jew tiddisponi mill-meritu f'din l-istanza. Hawn ma tirriskontra ruħha ebda nullità, għaliex l-appellant għamel iż-żewġ domandi, li f'każijiet simili trid il-liġi, jew li l-kawża tiġi rinvijata quddiem l-Ewwel Qorti għall-ulterjuri trattazzjoni tagħha, jew li din l-Qorti tidħol fil-meritu u tiddisponi mill-meritu skond it-talbiet taċ-ċitazzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tan-nullità mogħtija minn Teodoro Carabott, bl-ispejjeż relativi kontra tiegħu; tilqa' l-appell ta' l-atturi u tiddikjara illi huma għandhom interess leġittimu jagħmlu l-azzjoni preżenti, u għalhekk tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-konvenuti; l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-konvenuti appellati; u għalhekk tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija fil-kap l-ieħor mhux deċiż, u tordna illi dan il-proċess jiġi rinvijat lill-Ewwel Qorti biex il-kawża titkompla fil-meritu tagħha.

---